# SANTA KATARINA U GĦAWDEX

minn Geoffrey George Attard

Fil-Gżira tat-tlett għoljiet ma nsibu l-ebda knisja jew kappella ddedikata lil Santa Katarina Verġni u Martri, iżda madankollu xorta waħda kienet teżisti qima lejn din il-qaddisa li, ħajjitha kienet xhieda kontinwa tal-imħabba lejn Ġesu'.

Fir-raħal qadim tax-Xewkija, insibu niċċa ta' Santa Katarina ta' Lixandra. Din tinsab fi triq li wkoll iġġib l-istess isem tal-qaddisa. In-niċċa tinsab preċisament fil-kantuniera u ġġib id-data tat-3 ta' Frar 1839. Skond l-istorja, din l-istatwa ġiet magħmulha fi żmien meta Għawdex kien maħkum mill-pesta. Il-vara tan-niċċa saret minn familja nobbli li kienet tagħmmar fix-Xewkija u saret b'wegħda lil Santa Katarina biex iżomm bogħod minn dan ir-raħal il-flaġell kiefer tal-pesta. Huwa fatt ta' min joqgħod fuqu li minn dak in-nhar ħadd iżjed ma safa vittma ta' din il-marda tant komuni li kienet tittieħed. Kienet din in-niċċa li qajmet il-qima lejn din il-qaddisa.

Fil-Kolleġjata Bażilika Lateranensi ta' San Ġorg Megalomartri fil-Belt Victorja nsibu aktar altari u kappelli ddedikati lil Santa Katarina Verġni Martri. L-inkwadru ewlieni f'din il-kappella huwa xogħol il-pittur magħruf Ġużeppi D'Arena. Jingħad li tpittret qrib is-sena 1692 u għalhekk huwa qadim ferm. Din il-Kappella tinsab hekk kif wieħed jidħol fil-Bażilika Ġorġjana fuq il-lemin. L-inkwadru ta' fuq l-artal juri iż-żwieġ hekk imsejjaħ Mistiku ta' Santa Katarina ma' Ġesu' Bambin, għaliex skond l-istorja darba waħda Ġesu' deher lil Santa Katarina u taħa ċurkett. Fil-fatt din il-pittura ta' Arena turi lil Ġesu' ċkejken

(Ikomlpi f'pagna 24)

MARK'S
Photo Studio

PROFESSIONAL PHOTO & VIDEO PRODUCTIONS.

★ WEDDINGS
★ ENGAGEMENTS
★ FASHION SHOWS
★ STUDIO PHOTO SESSIONS
★ OUTDOOR PHOTO SESSIONS
★ PROMOTIONAL SERVICES
★ PORTRAITURE
★ FREE FILM SERVICE

AGENTS FOR: Fotofinishing Labs Ltd.

TRIQ IS-SUQ, ZEJTUN ZTN06

TEL: 806319/0994703
FAX: 681067

Ikompli minn pagna 16.
tarbija f'idejn il-Madonna qiegħed ilibbes ċurkett lil Santa Katarina.

Iżda din m'hijiex l-unika knisja ta' Santa Katerina li kien hawn fil-Gżira. Fiċ-ċimiterju li kien hemm fi Pjazza Tomba ma' ġemb il-Knisja Konventwali ta' Santu Wistin kien hemm kappella ddedikata lil Santa Katarina. Kienet tappartjieni lill-familja nobbli De Nasis. Fl-inħawi tar-raħal ta' Kerċem, qrib il-Knisja tal-Verġni Martri Santa Luċija kien hemm post imsejjaħ Santa Katarina. Mons. Pietru Dusina, viżitatur appostoliku u Inkwiżitur ta' Malta kien semmieh fil-viżita tiegħu tal-1575.

Fil-Kolleġjata Matriċi tal-Assunta, illum il-Kattidral ta' Għawdex ukoll kien hemm kappella ddedikata lil din il-qaddisa. Ta' min isemmi li fl-imgħoddi l-familji nobbli ta' Għawdex kellhom kappelli tagħhom aggregati mal-Matriċi. Kienu anke joħorġu l-flus sabiex iżommu dawn il-kappelli f'kundizzjoni tajba. Waħda minn dawn il-kappelli kienet ddedikata lil Santa Katarina u kienet propja tal-familja illustri Castelletti. Din inbniet minn Ġiovanni Castelletti li llum għandu mafkar f'ġieħu fil-kappella tas-Sagrament fl-istess Kattidral. Il-kwadru ewlieni tal-kappella jinsab illum fil-Muzew tal-Kattidral fiċ-Ċittadella, eżattament wara l-istess Knisja Kattidrali. L-inkwadru juri lil Santa Katarina bil-palma tal-martirju f'idha x-xellugija u bis-sejf f' idha l-lemenija. Fin-naħa ta' isfel tal-inkwadru jidher in-nobbli Ġiovanni Castelletti bil-kuruna tar-rużarju f'idejh iħares il-fuq. Tidher ukoll fuq il-lemin ir-rota li tissimbolizza l-martirju tal-qaddisa. Id-data tal-kwadru hija 1623, iżda l-pittur mhux magħruf għalkemm huwa attribwit lil Cassarino, pittur li kien inflwenzat minn Caravaġġio.

Għalhekk nistgħu ngħidu li għalkemm illum fil-Gżira tat-tlett għoljiet ma nsibu l-ebda maqdes iddedikat lil Santa Katarina żgur li l-qima lejha fl-imgħoddi ma kienet xejn anqas minn ta' qaddisin oħra.

BEECHWOOD
5A, Idustrial Estate,
Marsa - Malta.
Tel: 235411
Manufacturers of:
CHAIRS & TABLES